MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-29 ta' April, 2009

Numru. 1119/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**

**KONTRA**

**CHRISTOPHER BARTOLO ta’ 36 sena, iben Joseph u Mary nee’ Dalli, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-2 ta’ Settembru, 1972, residenti fil-fond numru 38, Triq iz-Zurrieq, Birzebbuga, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 0398072M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **CHRISTOPHER BARTOLO** li gie akkuzat talli nhar id-19 ta’ Mejju, 2006 ghall-habta ta’ 23.25hrs, fi Triq iz-Zejtun, f’Marsaxlokk:

a. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila jew professjoni, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti waqt li kien qieghed isuq karozza tal-marka Kia bin-numru tar-registrazzjoni ABM 949 ikkaguna incident stradali li fih ikkaguna offiza ta’ natura gravi li ggib debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti ta’ l-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh illi ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f’wahda mill-idejn ta’ Mark Sammut mill-Imtaffa, kif gie ccerifikat minn Dr Adrian Cassar (2868) ta’ l-Isptar San Luqa, bi ksur ta’ l-Artikolu 226(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi l-Avukat Generali baghat il-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji;

Rat illi l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghall-isess kif ukoll illi wiegeb li mhux hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza, senjalament ix-xhieda ta’ Mark Sammut, il-persuna li wegghet f’dan l-incident.

Mix-xhieda ta’ l-istess Sammut jirrizulta b’mod ampju li fil-fatt l-imputat ma kienx l-agent ta’ l-incident in dezamina. Fi kliemu stess jghid li waqt li kien tiela’ minn Marsaxlokk ghall-habta tal-11.00pm, ra roqgha diesel f’nofs ta’ triq u skiddja. Kien ghalhekk fil-fatt illi huwa spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq u gie gol-vettura ta’ l-imputat.

Meta xehed minn jheddu fil-fatt l-imputat qal ukoll illi biex jevita lill-mutur, li alura spicca n-naha tieghu tat-triq u huwa anke tkaxkar mal-hajt in-naha tieghu.

Ghaldaqstant, mill-ezami ta’ l-atti ma tqiesx illi Christopher Bartolo kellu xi responsabbilta’ ta’ dan l-incident u qieghda tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------